**11 ta' Jannar, 1965.**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**
**Onor T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

John Pace ne. et.

*versus*

Carmela Chircop.

**Testment — Mutu — Art. 38, 40 Kap. 92.**

***Bniedem mutu fil-kuntest tal-liġi in kwistjoni (Kap 92) ifisser bniedem li fil-waqt ta' l-att ikun "fi stat ta 'mutismu" ċioe ma jistax jitkellem.***

***Jekk it-testatur fil-waqt tal-pubblikazzjoni tat-testment, ikun tilef l-użu tal-kelma, allura għandhom jiġu osservati l-formalitajiet speċjali rikjesti mil-liġi għall-atti magħmula minn mutu, u dan taħt piena ta' nullita.***

Il-Qorti, Rat iċ-ċitazzjoni ppresentata fl-għoxrin ta' Lulju, 1955, fil-Prim'Awla tal-Onorabbli Qorti Ċivili, li biha

l-atturi — wara li ppremettew illi b'testment riċevut min-Nutar Dr. John Tabone Adami fis-sitta ta' Frar, 1955, Emmanuele Genovese ħalla b'titolu ta' legat: (1) lill-attur John Pace bħala prokuratur tat-terz Ordni Franġiskan fuq imsemmi s-somma ta' ħamsin lira (£50) u ordna lill-esekutur testamentarju li jbieħ l-fondi l-Marsa, Azzopardi Street, Numru 4, soġġett għar-rata tiegħu ta' ċens perpetwu ta' lira, sitt xelini u sitt soldi (£1.6.6) fis-sena u r-rikavat jiġi konsenjat lill-istess prokuratur sabiex iservi għall-festa ta' San Franġisk li tiġi kull-sena ċelebrata fl-istess Knisja Parrokjali tal-Hamrun u għal dejjem bl-obbligu lit-Terz Ordni fuq riferit li jiċċelebra għar-ruħ it-testatur u skond il-pija intenzjoni tiegħu għoxrin quddiesa baxxa għal darba biss, (2) lill-attur John Pace, bħala mandatarju tal-aħwa Genovese assenti fi kwoti ugwali bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari u bid-dritt tal-akkreximent bejniethom l-mezzanin li qiegħed il-Marsa, Azzopardi Street, numru 2 bħala soġġett għar-rata ta' ċens perpetwu ta' lira, sitt xelini, sitt soldi u sitt ħabiet (£1.6.6½) fis-sena, (3) lill-attur Reverendu Don Enrico Cordina Perez bħala Kappillan tal-Knisja Parrokkjali tal-Hamrun, taħt it-titolu ta' San Gaetano l-fond l-Marsa, Azzopardi Street, numru 8, bħala soġġett għar-rata ta' ċens perpetwu ta' lira, sitt xelini u sitt soldi (£1.6.6) fis-sena, (4) lill-istess Reverendu Cordina Perez, bħala Direttur tal-Istitut tal-Madonna tal-Qlub, nofs indiviż tal-fond il-Marsa, Azzopardi Street, numru 10 bħala soġġett għar-rata ta' ċens perpetwu ta' lira, sitt xelini u nofs (£1.6.6) fis-sena bl-obbligu li jagħmel tmint ijiem talb u quddiesa kull sena għal dejjem għar-ruħ it-testatur u skond il-pija intenzjoni tiegħu, (5) u lill-attur Monsinjur Cilia nomine il-mezzanin li qiegħed il-Marsa, Azzopardi Street, numru 6 bħala soġġett għar-rata ta' ċens perpetwu ta' lira sitt xelini u nofs (£1.6.6) fis-sena; illi l-istess Emmanuele Genovese b'testment suċċessiv riċevut minn Nutar Joseph Gatt fit-tmientax ta'

Ġunju, 1955 irrevoka kwalunkwe testment preċedenti u istittwixxa lill-konvenuta eredi universali tiegħu; illi dana l-aħħar testment sar kontra u mingħajr il-volonta libera tattestatur fiż-żmien li kien inkapaċi fisikament u intelletwalment li jagħti u jimmanifesta l-kunsens tiegħu u ġie prokurat dolosament mill-konvenuta li ma tiġi xejn mid-'decujus' biex tikkarpixxi fl-interezza tiegħu, il-patrimonju ereditarju tat-testatur li minnu kien ġa ddispona fit-testment preċedenti a vantaġġ ta' istituzzjonijiet piji u legati ta' suffraġi għal ruħu, u illi dana l-istess testment ġie magħmul b'mod li jinġenera suspett gravi dwar l-awtentiċita u l-validita tiegħu billi mhux biss sar fuq interrogazzjonijiet tan-Nutar u tal-konvenuta li t-testatur ma setgħatx jikkomprendi jew jirreżisti għall-motivi fuq esposti iżda meta u jekk inqara t-testatur ma kienx fi stat li jifhem u jimmanifesta l-adesjoni tiegħu u biex jiġi evitat l-inkomodu u r-riskji tal-firma ġie frettolosament u nveridikament dikjarat li t-testatur ma jafx jikteb mentri jirriżulta mid-dokumenti pubbliċi u privati li t-testatur ftit qabel dan l-aħħar testment kien impona fihom il-firma tiegħu u illi taħt dawna ċ-ċirkostanzi t-testment tat-tmientax ta' Ġunju, 1955 fuq riferit huwa invalidu u null — Talbu li l-konvenuta tgħid għaliex m'għandux jiġi min dik il-Qorti dikjarat null u bla effett legali t-testment magħmul min Emmanuele Genovese fit-tmientax ta' Ġunju, 1955, fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt u konsegwentement il-konvenuta tkun ikkundannata tirrestitwixxi u tħallas lill-atturi nomine ir-rispettivi ammonti ta' kera li dina eventwalment tkun inkassat dwar il-beni stabili li jifformaw l-oġġetti tal-legati fuq riferiti, bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali tas-sebgħa u tlettax ta' Lulju, 1955 u tal-mandat ta' sekwestru tat-tlettax ta' Lulju, 1955 kontra l-konvenuta li għandha tidher għas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eċċezjonijiet ippresentata fit-tmienja ta' Ottubru, 1955, li biha l-konvenuta eċċepiet, (1) illi d-decu-

pur ħalla l-proprjeta tiegħu li ħa biex jirrikompensaha ta' sittax-il sena xogħol u assistenza li għamlet miegħu u huwa kien perfettament f'sensieh meta għamel it-testment tiegħu, (2) illi huwa minnu li fit-testment preċedenti d-decujus kien ordna diversi lasciti pij favur l-atturi nomine imma l-aħħar volonta tiegħu kienet li jibbenifika lill-konvenuta għal dak li għamlet miegħu ma tul ħafna snin bla ma rċeviet ebda kumpens u, evidentement qabel ma jħalli din id-dinja Emmanuele Genovese ried jaqdi dmir ta' kuxjenza u (3) illi għalhekk it-testment tal-istess Genovese, pubblikat bl-ministeru tan-Nutar Joseph Gatt fit-tmientax ta' Ġunju, 1955, huwa validu skond il-liġi u fl-istess ħin revokatarju tat-testment ordnat in preċedenza mill-istess deċujus u b'konsegwenza t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom — salvi eċċezjonijiet oħra.

Rat is-sentenza ta' l-erbgħa ta' Ġunju, 1964, li biha l-Prim'Awla tal-Onorabbli Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi (1) iddikjarat it-testment ta' Emmanuele Genovese riċevut min-Nutar Joseph Gatt fit-tmientax ta' Ġunju. 1955, null u bla effett legali minħabba inosservanza tal-formalitajiet essenzjali preskritti mill-liġi, u speċifikament imsemmija fil-korp ta' dik is-sentenza kif ukoll minħabba il-kaptazzjoni u suġġestjoni hemm ukoll indikati u (2) irrispinġiet it-tieni domanda u l-Qorti ordnat ukoll it-terminazzjoni tal-inkarigu tas-sekwestratarju ġudizjarju lilu konferit fid-degriet tad-disgħa u għoxrin ta' Ottubru, 1955 u fl-aħħarnett stanti n-natura tal-kwistjonijiet involuti, ordnat li l-ispejjeż tal-ewwel domanda, jibqgħu bla taxxa iżda bid-dritt tar-reġistru a kariku tal-konvenuta mentri l-ispejjeż kollha relativi għat-tieni domanda għandhom jitħallsu mill-atturi, wara li kkunsidrat:—

1. Din hija kawża ta' nullita ta' testment. L-attur John Pace qiegħed jaġixxi f'żewġ kwalitajiet, waħda bħala prokuratur "pro tempore" tat-Terz'Ordni Franġiskan tal-Parroċċa Arċimatriċi ta' San Gaetano tal-Hamrun, kif speċjalment awtorizzat għal din il-kawża u l-oħra bħa'a mandatarju tat-tfal u neputijiet tal-mejjet George Genovese, hu t-testatur Emmanuele Genovese, li huwa residenti fit-Tunesia. It-tieni attur huwa r-Rev. Kappillan Saċerdot Don Matteo Chircop li, b'nota tal-għaxra ta' Jannar, 1957, assuma l-atti flok ir-Rev. Kappillan Monsinjur Enrico Cordina Perez li bħala Kappillan tal-imsemmija knisja parrokkjali tal-Hamrun u bħala direttur tal-Istitut tal-Madonna tal-Qlub tal-Hamrun kien istitwixxa l-kawża konġuntament ma l-attur Pace nomine iżda miet fil-pendenza tagħha. It-tielet u l-aħħar attur huwa l-Wisq Rev. Monsinjur Antonio Cilia bħala Direttur Nazjonali tal-Opri Missjunarji għall-Propaganda tal-fidi, Santa Infanzja u Kleru Indiġenu. Il-konvenuta hija Carmela Chircop, mart Carmelo, minnu assistita li b'testment reċevut min-Nutar Dr Joseph Gatt fit-tmientax ta' Gunju, 1955 ġiet minn Emmanuele Genovese istitwita eredi universali tiegħu u dana prevja ir-revoka ta' kull testment preċedenti tiegħu.

2. L-atturi fiċ-ċitazjoni ppremettew li l-decujus kien għamel testment ieħor qabel u preċisament dak li kopja tiegħu hija esibita bħala Dok. C u li sar fl-Atti tan-Nutar Dr. John Tabone-Adami tas-sitta (6) ta' Frar, 1955. B'dan it-testment, kif turi l-istess ċitazjoni id-decujus wara li d-destina s-somma ta' ħamsin lira (£50) għall-funerali tiegħu u wara li ħalla lil n-neputijiet tiegħu ta' Tunis legat tal-mezzanin Nru. 2 Azzopardi Street, il-Marsa kiteb il-kumplament ta' ġidu in suffraġu ta' ruħu bħala legati piji li prinċipalment jinteressaw lill-atturi nomine, jiġifieri:

a) lill-Propagazjoni tal-Fidi l-mezzanin Nru. 6, Azzopardi Street, Marsa.

b) lill-knisja Parrokkjali tal-Hamrun il-fond Nru. 8, fl-istess Trieq.

c) il-fond Nru. 10 'l-istess trieq kwantu għal nofs indivis lill-Istitut tal-Madonna tal-Qlub tal-Hamrun u kwantu għan-nofs indiviż l-ieħor lil l-Istitut ta' Fra Diego u lill-Knisja Parrokkjali tal-Marsa bejniethom, u dana bl-obbligu li, għal ruħu u skond il-pija ntenzjoni tiegħu, isiru kull sena u in perpetwu fiż-żewġ Istituti tmient ijiem talb u quddiesa, u fl-imsemmija Knisja tal-Marsa ħames quddisiet baxxi.

d) lill-Istitut San Giusepp tal-Hamrun is-somma ta' ħamsin lira (£50) għal darba waħda biss bl-obbligu taċ-ċelebrazzjoni ta' ħames quddisiet baxxi għal darba waħda biss.

e) lit-Terz'Ordni rappresentat mill-attur Pace s-somma ta' ħamsin lira (£50).

f) fl-aħħar ordna lill-esekutur nominat bl-istess testment (Vinċenzo Spiteri) li:—

i) jippreleva mill-assi tiegħu is-somma ta' mitt lira (£100) u jidepositaha fil-"Cassa delle Pie Amministrazioni" annessa mal-Kurja Arċiveskovili biex bl-interessi tagħhom jiġu kull sena in perpetwu ċelebrati fil-Knisja Parrokkjali tal-Hamrun tant quddies baxxi għal ruħ it-testatur kemm tippermetti l-elemosina korrenti biż-żieda ta' xelin u nofs.

ii) ibiegħ il-fond Nru. 4, Azzopardi Street, Marsa, u jik-

konsenja r-rikavat lill-Prokuratur tat-Terz'Ordni apprezentat mill-attur Pace u dana biex iservi għall-festa ta' San Franġisk li kull sena ssir fl-imsemmija Knisja Parrokkjali tal-Ħamrun, bl-obbligu li l-istess Ordni jagħmillu għoxrin quddiesa għal ruħu għal darba biss.

iii) Jiġbor u jikkonverti fi flus ir-residwi tal-assi tiegħu wara li jitħallsu l-legati fuq imsemmija u l-ispejjeż, u jqassam dan ir-rikavat u flus f'karita skond id-diskrezjoni tal-istess esekutur għar-ruħ u skond l-intenzjoni tat-testatur.

3. Wara li ppremettew dan kollu l-atturi mpunjaw il-validita ta' l-aħħar testment fuq dawn il-kawżali, jiġifieri:—

a) li l-aħħar testment sar kontra u mingħajr il-volonta libera tat-testatur fi żmien li kien inkapaċi fisikament u ntellettwalment jagħti u jimmanifesta l-kunsens tiegħu.

b) li l-istess testment ġie prokurat dolosament mill-konvenuta, li ma tgħi xejn mid-decujus biex tikkarpixxi l-patrimonju kollu tat-testatur,

c) li l-istess testment ġie magħmul b'mod li jiġġenera sospetti gravi dwar l-awtentiċita u l-validita tiegħu għax sar fuq interrogazzjonijiet tan-nutar li rċevieh u tal-konvenuta li, għal motivi fuq esposti, it-testatur ma satax jikkomprendi jew jirreżisti, u barra minn dan, jekk qatt inqara, it-testatur ma kienx fi stat li jifhmu u juri l-adesjoni tiegħu għalih.

d) li, biex jiġi evitat ir-riskju u l-inkommodu tal-firma, ġie frettolosament u inveridikament dikjarat li t-testatur ma jafx jikteb, mentri jirriżulta minn dokumenti pubbliċi u privati li t-testatur ftit qabel kien oppona l-firma

tiegħu fuqhom. Għalhekk l-atturi nomine talbu (1) li l-aħħar testment jiġi dikjarat null u bla ebda effett legali, u (2) li l-konvenuta tiġi kundannata tirrestitwixxi u tħallas lill-atturi nomine l-krejja li eventwalment tkun daħħlet mil li stabili li huma l-oġġett tal-legati fuq imsemmija.

4. Il-konvenuta eċċepiet (1) li t-testatur ħallielha ġidu biex jikkompensaha ta' tnax-il-sena xogħol u assistenza li għamlet miegħu u huwa kien perfettament f'sensieh meta għamel l-aħħar testment tiegħu, (2) li għalkemm it-testatur kien qabel ordna l-legati piji favur l-attur nomine l-aħħar volonta tiegħu kienet li jibbenefika lilha għal dak li għal ħafna snin għamlet miegħu bla kumpens, u qabel ma ħalla din id-dinja ried jaqdi dmir ta' kuxjenza; (3) li għalhekk l-aħħar testment huwa validu skond il-liġi u revokatorju ta' l-ewwel testment, u konsegwentement it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

5. Fil-pendenza tal-kawża ġie nominat sekwestratarju ġudiżjarju tal-assi ereditarju fil-persuna tal-Av. Dr. Albert Mercieca (digriet tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru, 1955).

6. Peress li, segwitu ta' redistribuzjoni ta' kawżi, din il-kawża ma ġietx quddiem il-Qorti kif issa presedduta ħlief fil-għoxrin (20) ta' Frar, 1964, meta kienet ġa' differita għas-sentenza, l-Imħallef Sedenti barra milli ħa xi informazzjonijiet verbalizzati ħa l-prekawzjoni li jerġa jara personalment il-firma tad-deċujus fuq l-oriġinal ta' l-ewwel testment u ordna l-annessjoni fil-proċess ta' kopja fotostatika ta' dak it-testment u billi l-kwistjoni hija f'miżura kunsiderevoli waħda ta' apprezzament tal-provi reġa sama, u wkoll ippermetta r-rieżami tagħhom mid-difensuri x-xhieda hawn imsemmija, jiġifieri: Nutar Dr. Tabone-Adami, Vincent Spiteri, Giovanni Xriha

(xhud ta' l-aħħar testment,), Salvatore Attard (xhur tal-aħħar testment,). Nutar Dr. Joseph Gatt u Suor Brigida Gatt.

7. Il-Qorti issa, wara li eżaminat l-atti kollha bir-reqqa, kompriżi d-dikjarazzjonijiet u n-noti tax-xhieda tal-kontendenti, id-deposizzjonijiet u d-dokumenti l-oħra prodotti, u partikolarment in-noti tal-osservazzjonijiet konklusjonali tal-partijiet, u semgħet id-difensuri tagħhom li quddiem il-Qorti kif hawn presieduta kienu l-Avukat Dr. Giovanni Bonello għall-atturi u l-Av. Dr. Joseph Borg għall-konvenuta kkunsidrat dak li ġej:

8. Qabel xejn hemm bżonn li f'kawża bħal din li tispażja fuq terren pjuttost vast, il-Qorti tiffissa sew it-termini tad-diskussjoni, jew aħjar tal-impunjazzjoni kif artikolata mill-atturi, għax minħabba n-natura delikata tal-kwistjoni u biex jiġu evitati mpunjazzjonijiet ta' testmenti fuq allegazzjonijiet vagi u ġeneriċi, ir-regola ġenerali tal-artikolu 155(1) Kodiċi Proċedura Ċivili li l-kawża li għandha tiġi mfissra ċar u sew fiċ-ċitazzjoni tapplika b'aktar raġuni (Kolleż. Vol. XXXIV, I, 168). Barra minn dan għalkemm id-disposizzjonijiet tal-liġi dwar il-forma tat-testmenti (li hija wkoll in kwistjoni f'din il-kawża) huma ta' mportanza massima, fl-istess ħin mhumiex normi ta' ordni pubbliku li l-Qrati huma obbligati jissollevaw ex ufficio, għax il-partijiet interessati jistgħu jakkwietaw ruħhom għal vizju anki tal-forma li jkunu jafu bih u jesegwixxu t-testment (Delicata vs. Doublesin, Kollez. Vol. XXV, I, 129) u allura t-tribunali ma jistgħux jiddikjaraw testment null u inezistenti ħlief in kwantu l-partijiet, għalkemm impliċitament, jitolbuh jiddeċiedi fuq daqshekk (Baudry Lacantinerie, Delle Donazioni Fra Vivi e Dei Testamenti, Vol. II para. 1819 bis).

9. Fost id-diversi motivi ta' mpunjazzjoni suġġeriti mill-atturi fiż-żewġ noti ta' l-osservazzjonijiet konkluzzjonali tagħhom hemm tlieta li jimmeritaw attenzjoni taħt l-aspett fuq imsemmi. Dawn huma:

a) ir-raġuni tal-kaptazzjoni u suġġestjoni da parti tal-konvenuta.

b) ir-raġuni tal-kaptazzjoni u suġġestjoni da parti tan-Nutar Gatt li rċeva t-testment impunjat.

c) ir-raġuni li f'dan it-testment ma ġewx osservati l-formalitajiet meħtieġa mil-liġi fil-kas ta' persuna temponeament inkapaċitat milli titkellem.

10. Kwantu għar-raġuni a) fuq imsemmija huwa risaput li l-"kaptazzjoni" u "suġġestjoni", privi ormai bħala vokaboli mid-distinzjonijiet eleganti li kienu jsiru bejniethom fid-Ddritt Ruman minħabba li taħt l-ewwel forma kienu ġeneralment imdaħħla l-kasijiet "eredipeti", fid-dritt modern, u anki fis-silenzju tal-Kodiċijiet Ċivili dwarhom in relazjoni għat-testmenti, imma dejjem in omaġġ għall-prinċipji ġenerali dwar ir-repressjoni ta' kull għemil doluż u għar-rispett u protezzjoni meħtieġa lit-testaturi, għalkemm huma amessi bħala motivi ta' mpunjazjoni tat-testmenti, mhumiex rikonoxxuti ħlief bħala l-forma dupliċi tal-manifestazjoni tad-dolo fuq il-volonta tad-disponenti fil-materja tat-testmenti (**Ricci**, Vol. III, para. 108, paġ. 135, **Pacifici-Mazzoni** Codice Civile Italiano Commentato, Vol. VI para. 57). Għalhekk meta l-atturi fiċ-ċitazjoni iddeduċew il-kawżali msemmija fil-para. 3(B), **supra**, bil-kliem "ġie prokurat dolosament mill-konvenuta" li huma mbagħad komplew jikkjarifikaw fid-dikjarazjoni oriġinali tagħhom a fol. 4 fl-oħra a fol. 19, huma għamlu kull ma kien neċessarju biex

il-motivi tal-kaptazzjoni u suġġestjoni jkunu suffiċjentement intavolati. Anżi d-dikjarazjoni spiegativa a fol. 19 ma kienx hemm bżonn ħlief, se maj, bħala limitazjoni tal-konċett tad-dolo ġa dedott fiċ-ċitazjoni.

11. Kwantu għar-raġuni b) riferita fil-para. 9 (supra) — kaptazzjoni u suġġestjoni da parti tan-Nutar Gatt li rċeva t-testment — il-Qorti tirritjeni li dan il-motiv huwa wkoll suffiċientement dedott fiċ-ċitazjoni u dana għar-raġunijiet segwenti:

a) meta fil-kawżali fuq imsemmija l-atturi ppropone w li t-testment ġie "'prokurat dolosament mill-konvenuta" huma kienu qegħdin jirriferixxu għall-konvenuta bħala l-artefiċi tal-frodi minnhom lamentata, in kwantu li kienet hi, hu mhux it-testatur, li nkariga lin-Nutar biex imur malajr l-Isptar fejn it-testatur kien ġa moribond, u peress li huma, ħażin jew tajjeb, jirritienu li l-aġir tan-Nutar rogatur, minnhom deskritt bħala frettolus u nkonsult fid-dikjarazjoni tagħhom, ma kienx ħlief wieħed mill-istrumenti tal-frodi makkinata mill-konvenuta ma kienx hemm bżonn li, fiċ-ċitazjoni, jużaw il-frasi preċiża "prokurat dolosament mill-konvenuta u min-Nutar" imma kienet adegwata għall-kas il-kawżali rigwardanti l-konvenuta, li l-aġir tagħha, bil-mod kif hija ntavolata l-azzjoni, jikkomprendi dak tan-Nutar.

b) barra mill-premess il-kaptazzjoni u suġġestjoni tan-Nutar ikkompriża wkoll f'kawżali oħra mdaħħla fiċ-ċitazjoni u ċioe dik indikata fil-paragrafu 3 (c) tal-presenti (supra) bil-kliem "għax sar fuq interrogazjonijiet tan-Nutar li rċevieh u tal-konvenuta, li, għall-motivi fuq esposti, it-testatur ma setax jikkomprendi jew jirresisti."

12. A propositu ta' dak li ntqal fil-paragrafu preċe-

denti u anke għal dak li jirrigwarda l-motiv l-ieħor ta' impunjazzjoni li jissemma fil-paragrafu sussegwenti, il-Qorti qegħda tieħu wkoll in konsiderazzjoni l-ġurisprudenza li in materja ta' kawżali, apparti minn kull formola sakramentali u rigorosita eċċessiva fir-rigward, l-ekwipollenti huwa suffiċjenti; u anki li d-dikjarazzjoni għalkemm ma tistax tissupplixxi għal nuqqas assolut fiċ-ċitazjoni, tista sservi biex tillumeġġja l-kawżali dedotta. Għalhekk dan il-każ *huwa differenti ferm minn dawk l-oħra respinti fil-ġurisprudenza* għax ma kienux dedotti ħlief bil-kliem "u għal kull raġuni oħra li tirriżulta waqt il-kawża" (Joseph Vassallo, et vs. Victor R. Sammut, noe., Kollez. Vol. XXXIV, I, 108).

13. Kwantu għar-raġuni c) indikata fil-paragrafu 9 (supra) — vizju ta' formalitajiet rikjesti fil-kas tal-mutu — anki din, in bażi għall-prinċipji premessi, hija riċevibili *fl-azzjoni peress li tinsab impliċitament jekk mhux espressament* kompriża fil-kliem tal-kawżali "inkapaċi fisikament u ntellettwalment jagħti u jimmanifesta l-kunsens tiegħu (ara para. 3(a), supra) u tal-kawżali l-oħra "u barra minn dan, jekk u qatt inqara, it-testatur ma kienx fi stat li jifhmu u juri l-adesjoni għalih" (ara para. 3 (3), supra).

14. Għandu jiġi osservat ukoll li l-konvenuta fl-ebda ħin tal-kawża ma ssollevat xi eċċezjonijiet taħt dan l-aspett. Anzi kwantu għall-ewwel tnejn mill-motivi hawn fuq diskussi (kaptazzjoni tal-konvenuta u tan-Nutar) ikkombattiethom fis-sustanza tagħhom fin-nota a fol. 219, u kwantu għat-tielet motiv (vizju ta' formalita fir-rigward tal-mutu) ma qalet xejn nonostanti li n-nota tal-atturi a fol. 371 ġiet presentata bil-"visto" tad-difensur tagħha.

15. Minn dan jemerġi li l-kawżalijiet imsemmija fil-paragrafi 3(a) u (in parti) 3(c) ta' din is-sentenza jirdoppjaw

ruħhom f'żewġ direzzjonijiet diversi, waħda li timmira għal vizju tal-kapaċita tat-testatur u l-oħra għal vizju partikolari ta' inosservanza tal-formalitajiet preskritti u dana in aġġunta għall-viżji oħrajn ta' forma artikolati fiċ-ċitazjoni. Fil-kompless tagħha għalhekk l-azzjoni tirrikjedi l-indagni ta' din il-Qorti fuq kwistjonijiet ta' dritt u ta' fatt li jaqgħu taħt sitt kapi, jiġifieri:—

a) inkapiċita tat-testatur.

b) estorzjoni b'kaptazzjoni u suġġestjoni tal-konvenuta.

c) estorzjoni b'kaptazjoni u suġġestjoni tan-Nutar.

d) inosservanza tal-formalitajiet preskritti mil-liġi dwar it-testment ta' persuna muta.

e) nuqqas ta' firma tat-testatur mentri hu kien jaf jiffirma.

f) nuqqas ta' lettura tat-testment skond il-liġi.

16. Is-sitt motivi fuq imsemmija jinqasmu f'żewġ kategoriji.

L-ewwel tlieta jirrigwardaw il-validita intrinsika u l-aħħar tlieta l-validita estrinsika tat-testment. Bejn l-ewwel tlieta jista jidher li hemm xi kontradizzjoni, in kwantu l-motiv tal-kaptazjoni u suġġestjoni jolqot biss il-"libertas testandi" u għalhekk jippresupponi neċessarjament il-kapaċita tat-testatur. Iżda għalkemm il-Qrati tagħna rrifjutaw jieħdu konjizzjoni tal-kaptazjoni u suġġestjoni meta l-**unika kawżali** dedotta kienet dik tal-inkapaċita assoluta (Danartas vs. Danartas, Vol. XXVI, I, 498, u Joseph Vssallo, et

vs. Dr. Victor R. Sammut, noe fuq imsemmija b'riferenza anki għal xi sentenza taljana), ma hemm xejn kuntrarju li l-kaptazjoni u suġġestjoni jiġu prospettati bħala ipotesijiet subordinati ta' nuqqas ta' verifika tal-ipotesi iżjed gravi tal-infermita mentali, għaliex, kif jgħid il-Ricci "alla facolta di testare e necessario che si accoppi una volonta efficace." Hekk infatti sar fis-sentenza Imbroll vs. Mongliett, Kolleż. Vol. XXIV, I, 793, u fis-sentenzi taljani numri 538 sal-548 ċitati fir-Raccolta ta' Ġurisprudenza tal-Fadda Vol. III taħt l-art. 762-763, li kif huwa risaput, jikkommentaw leġislazzjoni simili għal tagħna. Għalhekk il-kontradizzjoni bejn it-tlett motivi li jaqgħu fl-ewwel kategorija fuq imsemmija hija biss apparenti u huwa wkoll floku skond l-imsemmija sentenza Imbroll vs. Mongliett, li l-indeboliment mentali u fisiku jiġi kunsidrat, apparti mill-inkapaċita, anki bħala element tal-attrazzjoni iżjed faċili tad-dolo.

17. It-tlett kawżalijiet l-oħra, li jaqgħu taħt it-tieni kategorija (dik tal-vizju fil-formalitajiet) għandhom pero loġikament u skond l-istruttura tal-istituzjonijiet legali jiġu kkunsidrati fl-ewwel lok, għax qabel ma wieħed jgħaddi għas-sustanza għandu jara jekk it-testment jaqax minħabba xi vizju fil-forma li jipprivah minn kull eżistenza ġuridika.

18. Dan premess huwa utili li jiġu ffissati xi punti saljenti ta' fatt akwiżiti mill-proċess u li ma jidhrux kontroversi ħlief fl-interpretazjoni tagħhom. L-oħrajn li fuqhom jista jkun hemm xi konflitt bejn ix-xhieda jiġu msemmija fil-mument tagħhom.

19. It-testatur Emmanuele Genovese miet ta' 68 sena fl-Isptar St. Vincent de Paul (tax-Xjuħ) f'xil-ħamsa ta' filgħodu tad-dsatax (19) ta' Ġunju, 1955, b'cancer fl-istonku

(fol. 31). Huwa kien deġenti f'dak l-Isptar mit-tmientax (18) ta' April, 1955 (fol. 66) u kien jinsab f' 'ward' flimkien ma diversi pazjenti oħrajn (fol. 36). Meta ġie ammess l-Isptar kien deperit mill-cancer u depress pero jirrispondi eżattament (Dr. Glenday, fol. 66). Fil-kors tad-deġenża tiegħu kellu konversazzjonijiet ma' diversi barra milli mat-Tabib Glenday u minn dawn il-konversazzjonijiet jirriżulta li kien fi stat normali, anzi fix-xhieda tal-attur (fol. 83), tal-Monsinjur Cordina Perez (fol. 49 u 150), ta' Vinċent Spiteri (fol. 61), ta' Padre Fulgenzio Grech (fol. 165) kif ukoll tal-konvenuta (fol. 152) ma hemm l-ebda aċċenn ta' xi eċċentriċita, wisq anqas ta' xi sbilanċ mentali. Kwantu għall-memorja, Antonio Grech, pazient ieħor f'l-Isptar xehed kif id-deċujus iddeskrivielu li fit-testment preċedenti tiegħu kien kiteb għall-abbatija, għall-koppla (knisja) u għal xi karitajiet. Suor Lydia (fol. 31) xehdet li sal-ħamsa (5) p.m. tat-tmientax (18) ta' Ġunju, 1955 tkellem u ma qalx ħmerijiet. Ma saret ebda prova ta' xi marda tal-moħħ anke f'epoka remota.

20. Id-deċujus kien għamel żmien mal-Militar u kien ibiegħ il-fajjenza. Huwa ħalla assi ereditarji konsistenti f ħames immobili f'Azzopardi Street, il-Marsa li bejniethom, wara li jitħallas ċens, jirrendi xi sittin lira (£60) fis-sena, u barra minn dan. kapitali f'banek lokali ammontanti għal elf, mitejn u tlettin lira (£1,230), kollox kif indikat fil-prospett ta' Dr. Mercieca fol. 374. Għalhekk dan l-assi huwa kalkolat li jilħaq approssimativament bejn it-tlett elef lira u erbat elef lira. Kif intqal, kien għażeb u fiż-żmien kien jgħix ma ħuh Spiru. Dan miet fl-1951 (fol. 373) u b'testment fl-atti tal-istess Nutar Gatt tal-għaxar (10) ta' Settembru 1946 (fol. 137) kien ħalla kull ma kien jippossiedi lill-konvenuta bil-kondizjoni li jekk hu jkun irid tiġbru magħha u ddur bih u tmantnieh sakemm imut. Iż-żewġt aħwa kienu joqgħodu f'wieħed mill-postijiet tad-

deċujus Azzopardi Street, il-Marsa, bieb ma' bieb mal-konvenuta, u din tallega li għal sbatax-il-sena hija rrendietilhom serviġi konsistenti fil-faċċendi tad-dar u xi tisjir. Li ilkonvenuta rrenditilhom xi serviġi ma jidherx li jista jkun kontestat, għax id-deċujus kien qal anki lil Joseph Sammut (fol. 113), li kien jixtri mingħandu u kien jiktiblu l-irċevuti tal-kera, li kien hemm mara li ddur bih u b'ħuh. L-istess fatt huwa komprovat bix-xhieda ta' Caterina Caruana l-mara ta' ħu l-konvenuta, (fol. 114) u ta' Carmela Valletta (fol. 89), għalkemm l-entita ta' dawn is-serviġi ma tirriżultax sew, speċjalment fin-nuqqas ta' provi oħra, minħabba l-interess li għandhom il-konvenuta u Caruana, d-dubbju tal-kredibilita ta' Valletta li tiġi kkommentata il-quddiem.

21. Wara l-mewt ta' ħuh, Emmanuele Genovese ma baqgħalu l-ħadd iżjed li jiġi minnu hawn Malta. Kellu xi neputijiet fit-Tunisija, l-atturi rappresentati mill-attur Pace, pero dawn ma kienx jafhom u ma jidherx li kellu xi affezjoni kbira lejhom, kif jidher mill-fatt li fl-ewwel testment tiegħu ppreferixxa jħalli l-maġġjor parti tal-assi tiegħu in suffraġju għar-ruħu u l-legati piji u ta' karita u lilhom ħallielhom fond wieħed biss bejniethom (fol. 8). Milli jidher it-testatur kien daqsxejn idejh magħluqa għax lil dak Joseph Sammut li kien jiktiblu qatt ma kkompensah għalkemm kien iwegħdu li jiftakar fih (fol. 114). Ma kienx ċertament ta' ebda skola. Huwa ffirma t-testment fl-atti Tabone-Adami bil-mod pjuttost inċert għalkemm leġġibli li jirriżulta fuq il-folji a fol. 341-348 u kien ukoll iffirma bl-istess mod diversi dokumenti tal-Bank tal-Gvern esibiti fil-file bejn il-fond 285 u 286, imma x-xhud Sammut jgħidilna kategorikament li "xejn ma kien jaf jikteb" u meta x-xhud kien jgħidlu biex jiffirma r-riċevuti tal-kera kien iwieġbu li "ma jafx" u kien jagħraf il-kotba tal-kera tal-inkwilini tiegħu sempliċement mill-kulur (fol. 113).

22. Sa fejn irriżulta mill-proċess Emmanuele Genovese laħaq għamel żewġ testmenti, it-tnejn pubbliċi, l-ewwel wieħed dak deskritt fiċ-ċitazjoni u fil-bidu ta' din is-sentenza, in atti Tabone-Adami, tas-sebgħa (7) ta' Frar, 1955, meta kien għadu fuq saqajh u mhux l-Isptar, u l-ieħor, dak impunjat fil-'ward' ta' l-Isptar, fl-8.45 p.m. tat-tmientax (18) ta' Ġunju, 1955, disa siegħat qabel ma ħalla din id-dinja tant ansjuża biex tirtu. Bl-aħħar testment irrevoka t-testment preċedenti u ħalla kollox lill-konvenuta b'titolu universali. Iċ-ċirkostanzi kif sar dan it-testment jiġu deskritti dettaljatament f'posthom.

23. Minn hawn il-Qorti ser tgħaddi għad-desamina ta' l-ewwel kwistjoni. Din tista tiġi formulata b'dan il-mod. Fil-każ li t-testatur kien ipprivat mill-fakolta tad-diskors fil-mument tal-konfezzjoni u pubblikazjoni tat-testment impunjat, kien applikabili għal-kas il-formalitajiet preskritti mill-art. 38 tal-liġi notarili? U f'kas affermattiv, dawk il-formalitajiet ġew osservati?

24. Jekk hemm ċirkostanza li mill-provi akwiżiti tirriżulta b'ċertezza din hija li fil-ħin kollu li n-Nutar Gatt kien qiegħed jipprova jkellmu biex jara satax jifhmu u jistaqsih riedx iħalli eredi lill-konvenuta, it-testatur fl-ebda ħin ma fetaħ fommu jew ippronunzja xi kelma, imqar monosillaba. Dan jirrizulta mid-deposizzjonijiet taż-żewġ xhieda tat-testment (Xiriha, fol. 47 u 333, u Attard fol. 105 u 336), ta Suor Brigida (fol. 32 u 369), Spiro Gatt (fol. 34) u Antonio Grech (fol. 36) li kollha kienu fil-qrib immedjat u fuq kollox minn dawk tat-tnejn min-nies l-iżjed interessati kieku kien veru, biex jgħidu li tkellem, imqar darba, ċioe l-konvenuta (fol. 156 tergo u 157) u n-Nutar Gatt (fol. 186, 238, 339 u 356) li skrittament qalu li t-testatur ma għamel lin-Nutar l-ebda dikjarazjoni orali tal-aħħar volonta, li t-testment sar permezz ta' interrogazjonijiet tan-Nutar, lie-

ma nterrogazzjonijiet saru fuq informazzjoni mogħtija lilu mill-konvenuta fis-sens li Ġenovese ried jiktbilha ġidu kollu, u għalihom it-testatur ma rrispondiex ħlief b'sinjali jew ċenni affermativi jew negativi ta' rasu u darba ta' jdejh. Din iċ-ċirkostanza, konfermata wkoll minn Dr. Albert Zammit Maempel (fol. 788) tiskwoti serjament il-kredibilita ta' Carmela Valletta (fol. 91) li xehdet li semgħet lit-testatur għal tlett darbiet jitkellem, u jwieġeb bil-fomm għall-mistoqsijiet li kien qiegħed jagħmillu n-Nutar (ara wkoll kontroeżami fol. 104). Il-kredibilita ta' din ix-xhud li donnha għandha xi nteress indirett fl-esitu, hija wkoll infjakata mill-inverosimiljanza taċ-ċirkostanza minnha deposta li hi, li qabel dik in-nhar qatt ma kienet marret tara lil Genovese fl-Isptar, marret tarah l-ewwel darba fil-għodu dik in-nhar tat-testment u allura t-testatur qallha biex tgħid lill-konvenuta, billi t-tnejn joqgħodu l-Marsa, li ried ikellimha, u in segwitu hi (jiġifieri x-xhud) wara li bagħtet ir-risposta mat-tifla tagħha, reġgħet marret l-Isptar f'xit-3.30 ta' wara nofs in-nhar u nzertat baqgħet hemm propizjament sal-ħin li wasal in-Nutar, għalkemm dan wasal f'xit-tmienja ta' bil-lejl jew in ogni caso meta kien ġa dalam f'waħda mill-itwal ġranet tas-sena, u b'dan il-mod setgħet tikkostitwixxi xhud, xhud pero li ma tantx tagħmel ġid lill-kawża tal-konvenuta.

25. Dan is-silenzju assolut tat-testatur huwa sinistru u jikkonfronta lill-Qorti bi probabilita qawwija, desummibili min indizju u presunzjonijiet gravi, li kien dovut għall-proċess avanzat ta' li sfaċel fisiku tat-testatur. Infatti nafu li f'dak il-ħin huwa kien moribond, li kien f'kondizjoni "ħażina ħafna" jew "in estremis" (kif iddeskrivih it-tabib Albert Zammit Maempel li eżaminah fisikament dak il-ħin stess, fol. 79) u li disa siegħat wara miet. Nafu wkoll li meta wasal in-Nutar Gatt it-testatur, fl-ewwel darba li n-Nutar resaq lejh għalkemm dam jipprova ħafna ma kienx

qiegħed jisimgħu u ma għamillu lanqas sinjal, u wisq anqas kellmu, tant hekk li n-Nutar qata qalbu li t-testment sata jsir, u kien hiereġ mill-Isptar, u wasal fejn il-bieb, meta laħqu Attard u qallu li t-testatur kien stejqen, (fol. 187 tergo) u allura hu rritorna u sar dak li sar, deskritt mill-istess Nutar bil-kliem "kelma ma tkellimx u deher li jitkellem ma jistax" (fol. 188) u rrisponda bis-sinjali affermattivi ta' rasu għad-domanda tan-Nutar riedx iħalli kollox lill-konvenuta. Ix-xhud Attard (fol. 106) jaqbel li din id-domanda saret għalkemm ix-xhud Xiriha jgħid li n-Nutar staqsieh biss jekk riedx jikteb lil Chircop (fol. 47). Minn dan kollu l-Qorti, safejn tista umanament tasal, ma tistax ħlief tikkonkludi li fil-ħin tal-konfezjoni u tal-pubblikazzjoni tat-testment, it-testatur kien tilef id-don naturali tad-diskors u kien fi stat ta' mutu. L-unika konklusjoni oħra konċepibili hija li t-testatur webbes rasu u rrifjuta jikkoopera bil-fomm biex b'hekk, għalkemm kien qiegħed jifhem il-mistoqsija, iħalli fuq it-testment, bid-dinjita tal-moribond il-marka u s-siġill ta' l-istat kuntrarju tal-volonta interna tiegħu għall-apparenzi esterni. Dan, huwa anqas presumibili mill-istat ta' mutismu, tant minħabba l-effetti probabili tan-natura kifra u progredita tal-marda tal-cancer kemm għaliex id-diskors huwa iżjed naturali għall-bniedem mill-mutismu. Għalhekk il-Qorti tikkonkludi fuq il-konvinċiment intern tagħha bażat fuq il-bilanċ qawwi tal-probabilita li t-testatur kien fi stat ta' mutu. U jekk mhux hekk almenu għandu jibqa dubbju serju li t-testatur kien fi stat ta' mutu. Fejn jidħlu l-formalitajiet essenzjali testamentarji l-Qorti ma għandha jkollha ebda esitazjoni li, fil-każ ta' dubbju serju, tiddeċiedi li l-formalita ma ġietx osservata, għax renitenza tal-Qrati biex jannullaw testmenti fuq il-bażi ta' nkapaċita (li hija kontra l-presunzjoni normali tal-kapaċita) ma ġiet qatt estiża għall-vizju fil-forma. Kif jgħid il-Pacifici-Mazzoni (op. cit. Vol. VII para

88, paġ. 179) ; "Invano si oppone che i testamenti come atto di ultima volonta, meritano specialissimi favori. Imperciocche, come sagacemente osserva il-**Merlin**, non possono riguardarsi come favorevoli, se non quando siano perfettamente regolari nelle loro forme, e trattasi soltanto di sapere cio che *ha voluto il* testatore. **Ma** altrimenti procede la cosa quando il dubbio cade sulla formazione regolare del testamento. Allora, traendo questo tutto la sua forza dalla sollenita, e la sollennita consistendo nella osservanza esatta delle forme prescritte dalla legge, il dubbio deve essere risoluto in favore dell'erede *legittimo*; *poiche dell'essere dubbio* se le forme testamentarie siano state osservate, deriva essere incerto se il testamento esiste." Fi kliem oħra jista jingħad li f'każi bħal dawn meta min jimpunja t-testment minħabba vizju ta' forma jipprova l-każ tiegħu '*prima facie*' jew almenu *iqanqal dubbju serju u raġonevoli* jekk 'l-forma'ita ġietx rispettata, minn dak il-mument il-quddiem jispetta lill-parti li tallega l-fatt positiv tal-osservanza tal-forma li tippruvaha. Dan pero qiegħed jingħad biss in subordine għaliex il-konklużjoni tal-Qorti hija li t-testatur kien *tilef* l-użu tal-organu vokali.

26. Din il-Qorti, f'kas ta' persuna apopletika li dwarha t-tabib kuranti xehed li ma setgħetx titkellem, iddeċidiet li dik il-persuna kienet muta entro s-sinjifikat tal-art. 38 tal-Kapitolu 92 (P. A. Xuereb versus Attard, ħdax (11) ta' Jannar, 1958), u hekk għandu wkoll jiġi deċiż fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-kas. Għal dik id-disposizzjoni ma jagħmelx differenza jekk il-mutismu jkunx konġenitu jew le, u fit-tieni każ ikunx ġej direttament minn xi trawma jew kondizzjoni oħra partikolari u lokalizzata tal-organu vokali jew indirettament minn xi marda f'partijiet oħra tal-ġisem jew mid-deperiment fisiku tat-trapass mortali. L-importanti

huwa li t-testatur jew kontraenti ma jkunx jista jesprimi l-ideat tiegħu bil-fomm.

27. Tibqa l-kwistjoni jekk l-art. 38 fuq imsemmi japplikax għat-testmenti. Din id-disposizzjoni trid tiġi kkunsidrata flimkien ma' dik ta' qabilha u mad-disposizjonijiet tal-artikolu 634 (b) u 705 u 706 tal-Kodiċi Ċivili, u mill-kompless ta' dawn l-erba disposizzjonijiet flimkien ma' dak tal-artikolu 692 u 709 tal-Kodiċi l-posizzjoni dwar is-sordomuti, it-torox u l-muti hija din:—

a) Is-sordomuti mit-twelid li ma jafux jiktbu ma jistgħux jagħmlu ebda forma ta' testment. Huma kolpiti minn inkapaċita (art. 634 (b)).

b) )Id-disposizzjoni tal-art. 706 dwar it-torox mhix rilevanti għall-kas. Is-sordomuti jew muti biss, sew konġeniti kemm le jistgħu jagħmlu testment sigriet, jekk ikunu jafu jiktbu u jaqraw, purke t-testment jinkiteb minnhom stess u tiġi osservata xi formalita oħra (art. 705).

c) Din id-disposizzjoni hija simili għall-artikolu 785, 786 tal-Kodiċi Taljan tal-1865 u tal-Art. 979 tal-Kodiċi Franċis. "Solo in quanto non sa scrivere", jgħid il-Baundry Lacantinerie ("onazione Fra Vivi e Testamenti, Vol. II, Para 2169, paġ. 136) "il muto non puo assolutamente testare nella forma mistica" u vide ukoll fl-istess sens, Pacifici-Mazzoni (op. cit. Vol. VII paġ. 106 para 47).

d) Tant fl-Italja kemm fi Franza mbagħad, li l-liġijiet tagħhom dwar it-testmenti jixbħu in ġenerali lil tagħna, u servewna ta' sorġenti, il-mutu ma jistax jagħmel testment pubbliku imma dan minħabba disposizzjoni mportanti li l-leġislatur tagħna, forsi sfortunatament ma rriproduċiex la

fil-Kodiċi u lanqas fil-liġi notarili. Din hija n-neċessita essenzjali taħt il-Kodiċi Franċis (art. 927) li t-testatur, fit-testment pubbliku, **jiddetta kelma b'kelma** t-tavoli testamentarji (Bandry, op. cit. para 2019 et seq., paġ. 86-88), u taħt il-Kodiċi Taljan tal-1865 (art. 778) li mhuwiex daqshekk esiġenti, li t-testatur almenu **jiddikjara** lin-nutar il-volonta tiegħu. Jgħid il-Baudry (para. 2021) "Il voto della legge non sarebbe dunque adempiuto e il testamento dovrebbe essere annullato, se il testatore si fosse limitato a rispondere affermativamente alle interrogazioni che il notaio gli avesse rivolto. A fortiori, la stessa soluzione si impone, se il testatore si sia limitato a rispondere con segni alle interrogazioni del notaio: in tal senso ci sono molti giudicati." U iżjed l-isfel wara li jispiega li n-Nutar jista, bid-domandi tiegħu, jikkomprometti l-validita tat-testment, jgħid (para. 2024): "Le domande fatte dal notaio devono tendere unicamente a fare precisare il senso e la portata delle disposizioni che il testatore fa da se stesso." U fl-istess sens, salva d-distinzjoni fuq imsemmija bejn id-dettatura kompleta u d-dikjarazzjoni orali tal-volonta kiteb il-**Pacifici-Mazzoni** (op. cit. paġ. 43 para 22); "Il testatore deve in presenza dei testimoni dichiarare al notaio la sua volonta verbalmente, e da viva voce e non per segni per quanto chiari e certi", u, iżjed l-isfel (paġ. 144): "La dichiarazione deve emanare dal testatore di sua propria iniziativa e spontaneamente, e non puo essere fatta a monosillabi e per via di risposta e interrogazioni messegli dal notaio; perciocche altrimenti quegli disporrebbe per suggestione altrui . . ." Konsegwentement jikkonkludi (para. 28, p. 60): "I soli muti, siano o no anche sordi, non possono fare testamento pubblico, perche non possono oralmente manifestare la loro ultima volonta."

e) Minħabba l-assenza ta' din id-disposizjoni fil-Kodiċi

ċivili u fil-liġi notarili allura viġenti (Ord. V tal-1855), il-Qorti ta' l-Appell tagħna fis-sentenza Luiġi Mallia Tabone, et versus Carmela Camilleri, et. 5 ta Ottubru, 1904 (Vol. XIX, I, p. 60) iddeċidiet li testment magħmul minn mara fuq minuta konsenjata lin-Nutar li, għall-kontenut tagħha, irrespondiet b'sempliċi affermazzjonijiet orali (mhux ċenni) kien validu, u żiedet li skond l-Art. 706 tal-Kodiċi kien biss it-trux, minħabba li ma jistax jisma l-qari tat-testment, li ried jispiega hu stess, il-volonta tiegħu fil-presenza tan-Nutar u tax-xhieda. Huwa veru li f'sentenza preċedenti (Abela versus Gatt, Vol. XVI, II, 92) din il-Qorti kienet id-deċidiet li testment fejn it-testatur esprima ruħu iżjed b'sinjali milli bi kliem, u fuq l-interrogazzjonijiet ta' terza persuna, kien gravement sospett speċjalment fil-konkors ta' argomenti oħra ta' suġġestjoni, ta' ċirkonvenzjoni u ta' marda gravissima u annullathu imma dan għamiltu x'aktarx minħabba l-probabilita tal-insanita mentali, u n-nuqqas ta' kwalunkwe disposizjoni f'dik l-epoka dwar il-mutu biss u mhux mit-twelid x'aktarx fl-opinjoni tal-Qorti jirrendi ir-rilevanti f'dak il-każ il-kwotazjoni tal-Fonti (citat ukoll mill-atturi f'din il-kawża) li jikkommenta d-disposizzjoni taljana (art. 778 tal-1865 fuq imsemmija) li tirrikjedi d-dikjarazzjoni orali tat-testatur, dak li l-liġi tagħna mkien ma kienet tagħmel almenu espressament. Għal hekk din il-Qorti hija tal-opinjoni li sakemm kienet għadha veljanti l-liġi notarili antika (Ord. V tal-1855), għalkemm xi ftit dubbjus jekk id-dikjarazzjoni orali tat-testatur kienetx ne-ċessarja fil-liġi tagħna, fl-istess ħin, anke f'dik l-epoka, u nonostante l-assenza ta' disposizzjonijiet preċiżi bħal dawk tal-Kodiċi Franċis u tal-Kodiċi Taljan in materja, id-diffikolta dwar il-validita tat-testment magħmul "mutu tantum" kien messha ġiet risoluta favur in-nullita u dana fuq żewġ argomenti:— (i) li t-testment pubbliku tagħna, bħal dak tal-leġizlazjoni kontinentali għandu l-oriġini tiegħu viċina

fit-testment nonkupattiv u **sine scripto** tad-Dritt Muniċipali ta' Malta u, aktar remotament, fit-testment nonkupativ tad-Dritt Ruman (Diskorsi tad-Dritt Ċivili tal-Professur Emeritu tal-Universita Rjali ta' Malta) li fih in-nuncupatio kienet dikjarazjoni solenni tat-testatur; u (ii) kien impliċitu mid-disposizjoni tal-art. 705 tal-Kodiċi (fejn jingħad li s-sordomuti jew il-muti jistgħu jagħmlu testment sigriet jekk jafu jiktbu) li l-mutu ma satax f'dik l-epoka, jagħmel testment pubbliku.

f) Imma dawn id-dubbji ġew imneħħija bil-promulgazzjoni tal-liġi notarili l-ġdida fil-1927 (Kap. 92) li fl-art. 38 tiddisponi li parti f'att notarili li tkun muta, bla preġudizzju tad-dispost fl-art. 634 u 705 tal-Kodiċi, għandha, barra milli tkun assistita minn interpretu nominat mis-Sekond' Awla taħt l-Art. 37 (i) jew taqra l-att hi stess u tikteb fuqu hi stess li qratu, jekk tkun taf taqra u tikteb, jew (ii) jekk ma tkunx taf jew ma tkunx tista taqra u tikteb, tkun assistita minn interpretu ieħor nominat mis-Sekond' Awla ammenokke xi wieħed mix-xhieda tat-testment ma jifhemx il-lingwa tas-sinjali tiegħu. Skond l-ewwel parti ta' dan l-art. 38, kombinata mal-art. 37(2), tant fl-ewwel kemm fit-tieni każ, dejjem hi neċessarja l-presenza ta' almenu interpretu wieħed jekk il-parti ma tkunx taf taqra, u fil-każ presenti, huwa ppruvat li t-testatur bla preġudizzju tal-kwistjoni l-oħra jekk kienx jaf **jiffirma** (li tiġi trattata 'l quddiem) żgur ma kienx jaf **jaqra** (deposizjoni Joseph Sammut). il-kawża Xuereb vs. Attard deċiża filħdax (11) ta' Jannar, 1958 minn din il-Qorti diversament presjeduta ġiet aġitata l-kwistjoni jekk l-art. 37 u 38 tal-liġi notarili japplikawx għat-testmenti. Safejn fis-sistema tagħna jiswew bħala fonti ta' interpretazjoni d-diskussjonijiet parlamentari, nonostanti d-dikjarazzjoni tal-Ministru Buhagiar fil-għoxrin (20) ta' Novembru, 1922, allura Kap

tal-Ministeru u *Ministru tal-Ġustizzja*, a *paġ. 3034 tal-Parliamentary* Debates, Legislative Assembly Vol. 3 tas-Seżżjoni 1921-22, id-diskussjonijiet fis-Senat fis-seduti tal-ħmistax (15) ta' Diċembru, 1926 u tas-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu, 1927, fejn ha parti prinċipali Sir Ugo Mifsud, li sa dan it-tant kien issuċċeda *lill-Imħallef Buhagiar* bħala Kap tal-Ministeru u Ministru tal-Ġustizzja, sgur ma jħallu ebda dubbju li r-risposta għandha tkun fl-affermattiv (ara Parl. Debates, Senate Vol. 6, pp. 2490-2500 u 2933-2935). Anzi d-diskussjoni kollha fis-Senat kienet impernjata fuq l-assunt *li* l-art. *37* u *38 japplikaw*, u *b'iżjed raġuni*, għat-testmenti tant li l-Ministru tal-Ġustizzja qal li, minħabba l-arċirigorosita tal-liġi dwar il-formalitajiet tat-testmenti, kien ikun aħjar, fil-każ li ma jkunx jista jinstab interpretu, li t-testment ma jsir xejn milli jsir frettolosament. Apparti minn dan, il-Kodiċi ma jagħmel ebda distinzjoni, fl-art. 692 bejn disposizzjoni u oħra tal-liġi notarili, imma jgħid li huma japplikaw għat-testmenti ndistintament bħal ma jagħmlu għal kull att notarili ieħor. Anzi l-introduzzjoni tal-art. 38 tal-Kap. 92 tikkostitwixxi pass il-quddiem fuq il-leġislazzjoni franċiża u taljana tas-sekklu l-ieħor in kwantu jirrendu possibili taħt ċerti prekawzjonijiet proporzjonati għall-importanza tal-att, lill-mutu jagħmel testment pubbliku, dak li qabel ma setax, imma kif jiġi muri il quddiem, huwa ġej mill-fonti tal-leġislazjoni taljana aktar moderna. Għal daqstant din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li ntqal u ġie deċiż fis-sentenza tagħha diversament presieduta **Xuereb vs. Attard** fuq imsemmija, u żżid dan li ġej. L-art. 37 u 38 tal-Kap 92 huma modellati fuq l-art. 57 u 58 tal-liġi notarjali taljana attwali. Il-Kodiċi Ċivili Taljan viġenti (art. 603) meta jitkellem fuq it-testment pubbliku tas-sordomuto, tat-trux jew tal-mutu jgħid li għandhom jiġu osservati n-normi stabiliti mid-disposizzjonijiet tal-liġi notarili għall-atti pubbliċi ta' dawk il-persuni u f'dan

is-sens għandu l-istess effett tal-art. 692 tal-Kodiċi Ċivili Malti. Ir-riżultat nett tal-art. 603 tal-Kodiċi taljan kombinat mal-art. 57 u 58 ta' din il-liġi (Ordinamento del Notariato, Legge 16 eb. 1913 no. 89, u Regol. 10 Settembre 1914 no. 1326, kif emendati) huwa li meta t-testatur ikun trux għandu jaqra l-att, u jekk ma jafx jaqra għandu jintervieni nterpretu nominat mill-pretur. Meta t-testatur hu sordomutu jew mutu jintervieni l-istess interpretu. Jekk it-testatur jaqra u jikteb, hu għandu jaqra l-att u jikteb fl-aħħar li qrah u li jirikonoxxieh konformi għall-volonta tiegħu. Jekk ma jafx jew ma jistax jaqra jew jikteb jokkorri li jew xhud tat-testment ikun jifhem is-sinjali tiegħu jew li jintervieni interpretu ieħor, anzi (u din id-disposizzjoni biss ġiet ommessa fil-liġi ta' Malta) fejn t-testatur mutu, trux, jew sordomutu jkun inkapaċi jaqra, jeħtieġu erba xhieda.

28. Għalhekk l-interpretazzjoni li qegħda tagħti i-Qorti hija konformi mal-fonti leġislativa. L-art. 37 u 38 tal-liġi dwar l-ordinament notarili Malti japplikaw għat-testmenti. Ġenovese għamel testment pubbliku. Meta għamlu kien mutu. Jekk wieħed jgħid li ma kienx mutu jkun qisu qiegħed jgħid li bniedem li minħabba xi marda jitlef temporaneament il-vista ma jkunx pro tanto għama. Hu ma kienx jaf jikteb u jaqra. L-iżjed li kien kapaċi jagħmel meta kien f'saħħtu kien li kultant jpinġi xi firma. Għalhekk fit-testment pubbliku tiegħu fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tat-tmientax (18) ta' Ġunju, 1955, kien meħtieġ li jkun presenti interpretu nominat mis-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, possibilment mill-persuni li jafuh, u li kien jaf jiftiehem miegħu b'sinjali u ġesti. Barra minn dan kien essenzjali wkoll, peress li hu ma kienx jaf, jew ma kienx jista, jaqra u jikteb, li jew jiġi nominat interpretu addizjonali mis-Sekond 'Awla jew li xi wieħed mix-xhieda tat-testment jif-

hem is-sinjali tiegħu. Anki jekk jiġi aċċettat li x-xhieda fehmuh kien jonqos l-interpretu nominat mis-Sekond 'Awla għax wieħed almenu kien dejjem meħtieġ. Ma ttiehdu l-ebda passi biex dan isir. Kieku ttħiehdu t-testment kien ikun validu, almenu taħt dan l-aspett. Imma la ma ttħiehdux it-testment hu null u bla ebda effett u l-Qorti hekk ikoliha, kif qegħda, tiddikjarah.

29. Il-kawża tista proprjament tispiċċa hawnhekk, imma l-Qorti sejra tippronunzja ruħha fil-qosor anke fuq il-kawżalijiet l-oħra. Biex dan isir irid isir subordinatament, jiġifieri bħal li kieku t-testment kien validu taħt l-ewwel aspett. Dan jista jsir mingħajr ebda kontradizzjoni għax testment jista jkun null għal diversi raġunijiet u sejjer isir sempliċement biex, in vista taż-żmien ġa okkupat mill-kawża, il-partijiet ikunu jafu d-drittijiet tagħhom fuq l-aspetti kollha tal-kawża sottomessi lill-Qorti.

30. Kwantu għall-kawżali li t-testment hu null għaliex it-testatur kien jaf jiffirma mentri ma ffirmax (art. 28(1) (k) (i) u (v) u art. 40(d), Kap 92) il-Qorti taqbel li mid-dokumenti prodotti t-testatur, meta kien f'saħħtu, kien jaf, bi tbatija, jiffirma, imma dan il-fatt waħdu m'huwiex biżżejjed meta t-testatur ikun in buona fede ddikjara li ma jafx jikteb ismu, (espressjoni ekwipollenti għal li ma jafx jew ma jistax jikteb) kif il-Qorti hija persważa li ġara f'dan il-każ, għaliex hu jikkunsidra ruhu illetterat jew biex jesprimi l-impossibilita li jinsab fiha minħabba l-mard jew infermita li jinsab fiha fil-mument tar-redazjoni tat-testment. Anke l-Ġurisprudenza Franċiża in pari materia daħħlet temperamenti savji għal din ir-regola (Baundry, op. ċit. para 2084 paġ. 107). S'intendi d-dikjarazjoni relativa, f'dan il-każ, it-testatur kellu jagħmilha permezz ta' nterpretu, imma t-testment m'huwiex null fiċ-ċirkostanzi tal-każ, minħabba nuqqas ta' firma "per se."

31. Kwantu għall-aħħar difett ta' forma allegat, in-nuqqas ta' lettura tat-testment min-Nutar fil-presenza tax-xhieda. I-istat tal-provi hu dan. In-Nutar jassikura li qrah (fol. 188 tergo u 189, u 339). Mix-xhieda tat-testment Ġiovanni Xiriha (fol. 47 u 333) jgħid li ma qrahx, l-ieħor, Salvatore Attard, rikjamat mill-Qorti riċentement (fol. 337) qal li qrah. Pressat in kontro-eżami qal li eżatt ma jistax jiftakar wara dan iż-żmien kollu. Mistoqsi mill-Qorti (fol-338) reġa qal li wara dan iż-żmien kollu ma jistax jiftakar u li kien qal li qrah għaliex jiftakar li n-Nutar kien qabat il-karta. Huwa mportanti pero li meta dan ix-xhud kien xehed oriġinarjament, jiġifieri fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju, 1956, żmien ferm iżjed viċin għall-fatt, huwa, wara li wera ruħu ben ċert li ċ-ċerzjorazzjoni saret (fol. 106) ir-risponda wisq stranament għad-domanda rilevanti (fol. 106 tergo):— "It-testment qrah kollu?" Risposta: "In-Nutar qallu: Hawnhekk hawn miktub li inti se tħalli kollox lil Carmela Chircop. U Ġenovese baxxa rasu." Dan ma satax kien ħlief mod diplomatiku biex jgħid li l-lettura bħala lettura ma saretx. Għalhekk il-Qorti tikkunsidra li ż-żewġ xhieda tat-testment jikkontradixxu lin-Nutar. F'dan huma korroborati, għal dak li jistgħu jiswew (għax in-Nutar u x'xhieda huwa hawnhekk l-iżjed importanti) minn Suor Briġida (fol. 33 u 368), minn Spiru Galea (pazjent ieħor fl-Isptar, fol. 34) u minn Antonio Grech (pazjent ieħor, fol. 36). Tobba ma kienx hemm u lanqas persuni oħrajn fil-viċin ħlief il-konvenuta u Carmela Valletta. Dawn jgħidu li n-Nutar qrah (fol. 158 u 91). Carmela Valletta tgħid li kien hemm it-tabib, imma hawn hija kontradetta miż-żewġ tobba, l-uniċi tobba li setgħu kienu hemm, u kompriża l-konvenuta (fol. 156 tergo). Xejn ma ġie allegat fuq l-indipendenza taż-żewġ xhieda tat-testment. Jista jkun li t-testment inqara imma mhux fil-prezenza taż-żewġ xhieda għax-Xiriha kien għaġġel biex jitlaq mid-duty ta'

nfermier għax sarlu l-ħin (fol. 33314). Fi kwalunkwe każ f'dan l-istat tal-provi trattandosi ta' att li m'għandux iħalli konflitt bħal dan fuq l-oservanza tal-sollennitajiet, il-Qorti ma tistax tkun konvinta li t-testment inqara u għalhekk it-testment huwa null ukoll taħt dan il-kap.

32. Dan jeżawrixxi l-viżji tal-forma. Kwantu għall-inkapaċita tat-testatur il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi ta' fatt deskritti fil-paragrafi 19-22 u postijiet oħra f'din is-sentenza, avvolja Ġenovese kien fl-aħħar siegħat ta' ħajtu, ma ssib ebda raġuni biex taċċetta l-veduta kuntrarja għal dik konformi mal-presunzjoni tal-kapaċita. Huwa kien normalment bniedem kapaċi li jagħmel testment u x-xhieda kollha jaqblu li għalkemm ma kienx qiegħed jitkellem kien qiegħed jifhem id-domandi tan-Nutar. Id-deperiment fisiku u x-xjuħija wehedhom ma jwaqqgħux il-possess normali ta' "a sound disposing mind' li trid il-liġi. Jistgħu biss, flimkien ma' ċirkostanzi oħra, jkollhom influwenza fuq il-"libertas testandi" rikjesta barra mill-kapaċita intellettwali. L-esperienza tal-ħajja turi li l-perċezzjonijiet mentali jibqgħu ta' spis jixgħelu fil-bniedem anki fl-aħħar siegħat ta' ħajjtu għalkemm ir-reżistenza tiegħu għaċ-ċirkonvenzjonijiet ta' ħadd'ieħor tista tiġi ferm imnaqqsa. Għalhekk it-testment mhuwiex null taħt l-aspett tal-kapaċita.

33. Tibqa l-kawżali tal-kaptazjoni u suġġestjoni. Il-Qorti sejjra għal raġunijiet ġa esposti tikkunsidra l-aġir tan-Nutar konġjuntament ma' dak tal-konvenuta, għax huwa għalkemm in buona fede u speċjalment biex jaqdi dak li fil-pressjoni tal-mument ħass bħala dover ta' kuxjenza li jassisti moribond, iżda sfortunatament b'iżball fuq punt ta' liġi li forsi s'issa ma kienx magħruf biżżejjed, serva ta' strument innoċenti f'idejn il-konvenuta ansjusa biex tottieni testment favur tagħha qabel ma Ġenovese jagħlaq għajnejh għall-kollox.

34. Il-Qorti wara li ħadet in konsiderazzjoni d-definizzjoni tal-kaptazjoni u suġġestjoni kif s'issa applikata fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati (Kolleż. Vol. VII p. 600; Vol. XXIV, I, 793; Vol. XXV, II, 108; Vol. XXVI, II, 78; Vol. XXXIV, I, 108), u wara li rriflittiet fuq l-indizji u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tant rilevanti għal ġudizzju seren u matur fuq kwistjoni ta' fatt tant diffiċli fil-prattika minħabba l-varjazzjoni taċ-ċirkostanzi minn każ għal każ li l-awturi kollha jgħidu li fl-aħħar mill-aħħar l-aqwa kriterju huwa l-koxjenza tal-ġudikant, komprizi fost dawn il-kriterji, ir-raġonevolezza tad-disposizzjonijiet in proporzjoni għall-assi tat-testatur u talvolta l-favuri riċevuti mill-eredi istitwit, li stat fisiku u l-kondizzjoni personali tat-testatur fil-mument tal-pubblikazzjoni tat-testment, in-nuqqas ta' lmenti da parti tiegħu ma' persuni oħrajn barra mill-konvenuta fuq it-testment preċedenti tiegħu, anzi li hu kien semmieh mingħajr ebda sintomu ta' dispjaċir max-xhieda Antonio Grech u Padre Fulgenzio, il-massima li "voluntas testatoris est ambulatoria usque ad estremum vitae exitum", u l-prattika forensika li s-solleċitazzjonijiet magħmula mhux "malis artibus" mhumiex ġuridikament ċensurabili, issib u tirritieni u f'dan il-każ il-kriterji prinċipali li fuqhom għandha biżżejjed fuq xix tibbaża l-proprju konvinċiment huma l-metodu adoperat mill-konvenuta biex tottieni t-testment u li stat fisiku estremament indebolit tat-testatur u tikkonkludi li t-testment ma kienx l-espressjoni tal-volonta tat-testatur, li huwa, kieku ma kienx għall-aġir tal-konvenuta ma kienx ibiddel it-testment preċedenti li ma biddelx meta kien għadu moderatament f'saħħtu u liberu mill-pressjoni ta' persuni oħrajn, li huwa biddlu mhux għax kellu rimors ta' kuxjenza imma għaliex il-konvenuta bl-insistenza tagħha fl-aħħar siegħat ta' ħajjtu ddominatlu kompletament l-animu u rrendietu awtoma. Dan kollu waħdu mhuwiex lanqas biżżejjed għall-prova tas-suġġestjoni li

fiha l-każ jinkwadra ruħu, għax dik il-pressjoni tal-konvenuta trid tkun messa in opera mill-konvenuta **dolosament** u skond id-definizjoni eżatta u konċisa kostantement ċitata "Labeo definit dolum omnem calliditatem, fallaciam, machinationem ad circum vemiendum, feilendum deċipiendum alterum adhibitam." Skond din id-definizjoni l-figura tas-suġġestjoni l-aktar komuni hija dik tal-kalunnja tal-eredi leġittimi jew tal-eredi preċedentement istitwiti, u in ġustizja għall-konvenuta hija għandha toħroġ mill-Qorti kompletament eżonerata minn ħtija fir-rigward, imma hemm figura oħra tas-suġġestjoni li tagħha l-konvenuta hija ħatja, spinta forsi bl-idea esaġerata tal-importanza tas-serviġi resi, kif hija l-esperienza tal-Qorti fil-klassi tan-nies tagħha li jagħmlu xi serviġi domestiċi u familjari. Din hija l-figura suġġerita mill-Pothire (Trattato dei Testamenti, Vol. I, Cap. I, Art. VII, Della Suggestione) meta qal:— "Una volonta e sorretta allorche il testatore ha dovuto fare le disposizioni che egli ha fatto colla mira di liberarsi dalle importunita di coloro che lo avvicinano." Iżjed mill qrib hija l-figura suġġerita mill-awtorevoli **Domat** (Leggi Civili Tomo VI, Libro III, Tit. I, Sez. V), meta wara li ppremetta li l-Qrati għandhom jesiġu provi ta' suġġestjoni qabel ma jwaqqgħu testment, ta' l-parir li: "A fine di annullare simili testamenti e necessario che una persona abusando negli ultimi periodi della sua vita, abbia esteso un testamento a modo suo; e che poi dopo averlo presentato, e letto al testatore gli domandi s'egli vuole approvarlo, e questi non faccia altro che rispondere di si. Qesta sarebbe una veramente illecita e quando fosse provata il testamento sarebbe nullo."

35. Il-każ presenti jixbaħ ferm lil dan barra milli t-testment flok ma nkiteb qabel ma l-konvenuta ħadet in-Nutar lis-Sptar, ġie nnoċentement suġġestjonat lit-testatur min-Nutar bid-diversi domandi li għamillu, kollha diretti

f'sens wieħed favur il-konvenuta mingħajr alternativi oħrajn fuq l-informazzjoni li kienet tatu verbalment il-konvenuta. Imma n-Nutar għalkemm strument innoċenti kien dejjem strument tal-konvenuta, li qabel skond ix-xhud Spiro Gatt (fol. 34) kienet qalet lit-testatur ripetutament biex l-n-Nutar jgħidlu "iva", li, fiċ-ċirkostanzi tat-testattur kienet ukoll suġġestjoni qawwija da parti tagħha u tpoġġi lill-konvenuta in mala fede għax ma kelliex tapprofitta ruħha mill-estrema debolezza fisika tal-moribond u tikkonvinċih b'dan il-mod. Ara wkoll fl-istess sens, għall-insistenzi tal-eredi ma persuna marida li ma tirrispondix ħlief b'risposta affermattiva Kollez. Vol. XVI, II, 94, u **Merlin** Vol. 19 Suggestione, Par. II, "Della Suggestione che consiste nel mettere il testatore in caso di fare cio' che chiamasi una disposizione ad altrui interrogazione."

36. L-atturi għamlu wkoll domanda oħra biex il-konvenuta tkun kundannata tħallashom l-ammonti tal-kera nkassati mill-immobili fl-assi. Iżda ebda prova ma ssejħu fir-rigward.

Rat in-nota li biha l-konvenuta appellat minn dik issentenza u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li tiġi riformata billi tiġi revokata in kwantu ddikjarat t-testment in kwistjoni null u bla effett legali minħabba inosservanza ta' formalitajiet essenzzjali preskritti mil-liġi u speċifikatament indikati fil-korp tas-sentenza kif ukoll minħabba l-kaptazzjoni u suġġestjoni hemm ukoll indikati billi, minflok, jiġi deċiż li l-istess testment hu validu u hekk tiġi miċħuda l-ewwel talba ta' l-atturi, u tiġi konfermata in kwantu ċaħdet it-tieni talba ta' l-atturi, u jiġi deċiż li l-ispejjeż kollha jbatuhom l-atturi.

Rat ir-risposta ta' l-atturi li qalu illi l-appell tal-kon-

venuta għandu jiġi miċħud u fl-istess ħin appellaw inċidentalment mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti u talbu li tiġi riformata billi (1) tiġi revokata in kwantu irriteniet illi l-kawżalijiet tan-nullita tat-testment minħabba nkapaċita testamentarja tat-testatur u tan-nuqqas ta' firma tat-testattur ma rrizultawx u jiġi minflok deċiż illi t-testment hu null anki għal dawn iż-żewġ kawżalijiet u l-ewwel talba tagħhom tiġi għalhekk akkolta anki għal dawn il-kawżalijiet; (2) tiġi *revokata in kwantu ċaħdet it-tieni domanda u, minflok,* dik id-domanda, tiġi milqugħa u l-konvenuta tiġi kundannata tirrifondi lill-atturi l-kera li nkassat mill-assi; u (3) tiġi revokata in kwantu ordnat li huma jħallsu l-ispejjeż tagħhom (ħlief id-dritt tar-Reġistru) dwar l-ewwel domanda u l-ispejjeż kollha dwar it-tieni domanda u jiġi minflok deċiż li l-konvenuta tħallas dawn l-ispejjeż; (4) tiġi konfermata għall-bqija.

Rat ir-replika tal-konvenuta fejn qalet illi l-appell inċidentali ta' l-atturi hu nfondat u bla bażi u għandu jiġi miċħud.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħat it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

**Fuq l-appell prinċipali tal-konvenuta.**

Is-sentenza appellata irriteniet fl-ewwel lok illi t-testment in kwistjoni kien null għaliex Emmanuele Ġenovese kien mutu dak il-ħin li t-testment sar u għalhekk messhom ġew osservati, u fil-fatt ma ġewx, id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikoli 37 u 38 ta' l-Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivji Notarili (Kapitolu 92).

L-ewwel Onorabbli Qorti bdiet biex irriteniet illi dawk

id-disposizzjonijiet, in ġenerali, japplikaw ukoll għat-testment u fuq dan *il-punt l-appellanti, la' fil-petizzjoni ta' l-*appell u lanqas fit-trattazzjoni orali, ma għamlet ebda lment jew kritika.

L-ilment tagħha hu invece illi dawk id-disposizzjonijiet ma kienux applikabbli fil-każ partikolari għaliex, fis-sottomissjoni tagħha, it-testatur ma jidherx li sata jiġi rigwardat bħala persuna muta. Mit-testi kollha tal-liġi tagħna, tgħid l-appellanti, jidher loġiku li wieħed jirritjeni illi persuna "muta" hija biss dik li komunement hija ntiża bħala tali u mhux dik *il-persuna li aċċidentalment u fiċ-ċirkos*tanzi transitorji fisiċi tal-mument ma tkunx tista tifformula l-kliem.

Fi kwalunkwe każ — żiedet tgħid l-appellanti fit-trattazzjoni orali — din il-kawżali ma kienettx dedotta fiċ-ċitazzjoni u għalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħatx tiehu konjizzjoni tagħha. F'materja bħal din hu essenzjali li l-kawżali tkun espressa kjarament.

Dwar din l-aħħar obbjazzjoni ġa hemm, fil-fehma tal-Qorti, risposta adegwata fis-sentenza appellata. Għad illi hu veru illi fiċ-ċitazzjoni ta' l-atturi ma tissemmiex espressament il-kelma "mutu" u l-konsegwenti *nullita derivanti* min-nuqqas ta' l-osservanza tal-formalitajiet speċifikatament preskritti rigward testatur li jkun affett minn **dik** id-dizabilita, *hemm* b'dana kollu dedotti espressjonijiet li fl-ambitu komprensiv tagħhom jinkludu anki suffiċjentement dik il-fattispeċje. Jingħad infatti fiċ-ċitazzjoni illi t-testment impunjat sar meta Emmanuele Ġenovese "kien **inkapaċi fisikament** u ntellettwalment li **jimmanifesta** l-kunsens tiegħu" u jingħad ukoll illi t-testment sar fuq interrogazzjonijiet tan-Nutar u li meta u jekk inqara "it-

testatur ma kienx fi stat li . . . jimmanifesta l-adesjoni tiegħu." Fid-dikjarazzjoni, imbagħad, annessa maċ-ċitazzjoni ġie allegat naturalment bħala spjegazzjoni ta' waħda mir-raġunijiet ta'mpunjazzjoni komprizi fil-kliem ampju wżat fiċ-ċitazzjoni, illi t-testatur "ma tkellem xejn".

Il-kwistjoni tal-invalidita tat-testment minħabba li t-testatur "ma kien jitkellem xejn" u "irrisponda biss b'ċenni" ġiet ukoll diskussa mill-atturi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom, fol. 201 et seq. u, aktar direttament, ġiet formalment imsemmija fin-nota l-oħra ta' l-atturi fol. 371 li biha għamlu riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha fil-ħdax (11) ta' Jannar, 1958 fil-kawża fl-ismijiet "Xuereb vs. Attard" fejn — huma qalu — il-Qorti "iddikjarat null it-testment ta' persuna temporaneament inkapaċitata li titkellem għaliex ma ġewx osservati l-formalitajiet rikjesti mil-liġi li hemm indikati."

Ġustament osservat l-ewwel Onorabbli Qorti illi din l-aħħar nota ta' l-atturi giet ippreżentata bil-"visto" ta' l-avukat tal-konvenuta, u ntant ebda kwistjoni ma giet sollevata minn dina fuq id-deduzzjoni ta' l-atturi.

Għalhekk dan l-ewwel ilment proċedurali ta' l-konvenuta ma jistax jiġi eżawdit.

Pero, kif ġa intqal, l-appellanti tissottometti illi, fil-każ preżenti, ma jistax jingħad illi Emmanuele Genovese kien "mutu" għal finijiet tal-liġi li tippreskrivi ċerti formalitajiet speċjali fil-każ ta' persuni muti.

L-appellanti ma tikkontestax il-fatt fih innifsu illi t-testatur, fil-ħin kollu li kien ser isir u sar it-testment, ma tkellem xejn. Difatti, kif osservat l-ewwel Qorti, jekk f'dan

il-proċess hemm ċirkostanza li mill-provi miġbura tirriżulta b'ċertezza, din hi appuntu illi fil-ħin kollu illi n-Nutar Gatt kien qiegħed jipprova jkellmu biex jara satax jifhmu u jistaqsih riedx jħalli eredi lill-konvenuta, it-testatur flebda ħin ma fetaħ fommu jew ppronunzja xi kelma.

U **ma tkellimx għax ma satax** kif qal in-Nutar Gatt li xehed li meta għat-tieni darba mar ħdejn it-testatur (wara li l-ewwel darba t-testatur "la kien jisimgħu u lanqas ikellmu") u staqsieħ jekk riedx iħassar kull ma kien għamel u jħalli kollox lill-Carmela Chircop, il-marid għamel bis-sinjali li ried jagħmel b'dak il-mod **"u pprova jitkellem: kelma ma tkellimx: u deher li jitkellem ma jistax"** (fol. 188). Il-fatt li Ġenovese **ma satax jitkellem** jidher ukoll b'mod ċar minn dak li xehdet Suor Brigida Gatt meta qalet illi, minn mindu hi daħlet "on duty" fis 6.30 p.m. "il-marid ma kienx **qiegħed jitkellem** dik inhar" (fol. 369) u dak li xehed Ġiovanni X'riha, is-servjent li għamel xhud tat-testment, li qal illi "il-moribond wieġeb lin-Nutar bis-sinjali l-għaliex **ma kienx jitkellem**: Matul dik il-ġurnata Ġenovese ma kienx **qiegħed jitkellem** (dan ukoll jirriferixxi għal wara s-6 p.m.)

Issa huwa veru illi, ordinarjament, meta aħna nitkellmu fuq nies muti nifhmu aktarx nies li jew għax twieldu hekk jew minħabba mard jew disgrazzja ma għandhomx l-użu tal-kliem. Iżda fil-kontest tal-liġi partikolari ma jidher li hemm ebda raġuni għaliex il-kelma "mutu" ma għandhiex tfisser ukoll persuna li tkun tilfet dak id-don tal-espressjoni 'pro tempore' fil-waqt li jsir it-testment, minħabba per eżempju, kif ġara fil-każ preżenti, li tkun moribonda jew estenwata fiżikament minħabba l-marda. Kif int-

qal sewwa ħafna fis-sentenza tal-Prim' Awla "Xuereb vs. Attard" fuq imsemmija "bir-regoli ta' l-artikolu 38 il-liġi riedet tassigura mill-aħjar l-espressjoni u r-reġistrazzjoni tal-volonta vera ta' minn ikun affett mid-difetti fisiċi hemm indikati u l-kawtela tal-liġi bir-regoli stabiliti f'dak l-artikolu jemerġu sommament meħtieġa għal att hekk solenni u eminentement notarili bħal ma huma t-testmenti pubbliċi".

Il-kelma "mutu" li tirrikorri fl-artikolu 38 tal-Kap. 92, tirrikorri wkoll, per eżempju, fl-art. 27(2)(a) ta' l-istess *liġi fejn jingħad illi ma jistax ikun xhud, f'att pubbliku,* bniedem li jkun mutu. Żgur li ma jistax jingħad illi minn din id-disposizzjoni hu eżenti bniedem li, fil-mument ta' l-esekuzzjoni ta' l-att, ikun tilef il-fakolta tal-kelma mqar temporaneament, ngħidu aħna, minħabba shock.

Normalment il-ħsieb u l-volonta ta' bniedem jiġu manifestati u kommunikati lil ħaddieħor permezz tal-kliem. Issa l-liġi evidentement riedet illi meta, fil-każ ta' atti notarili nklużi testmenti, dan ma jistax isir għaliex, fil-ħin rilevanti li hu dak ta' meta jsir l-att, il-parti tkun inkapaċitata li tuża dak il-mezz normali ta' espressjoni u kummunikazzjoni għax tilfet l-użu ta' l-kelma, hi x'inhi r-raġuni, allura għandhom jiġu osservati ċerti *formalitajiet speċjali* biex tiġi, kemm jista jkun, evitata l-possibilita ta' żball fl-intendiment jew l-interpretazzjoni tas-sinjali jew ċenni li bihom il-parti tkun *imġagħla* tipprova tfisser dak li trid iżda ma tistax tgħidu bil-kliem. Bniedem "mutu" fil-kontest tal-liġi in kwistjoni, ifisser bniedem li, fil-waqt ta' l-att, ikun "fi stat ta' mutismu" ċioe "ma jistax jitkellem."

Fil-każ preżenti l-provi juru illi Emmanuele Genovese daħal f'dan l-istat, almenu minn xi 6 p.m. (it-testment sar

f'xi 8.30 p.m.) u baqa fih sa kemm miet l-għada fil-għodu kmieni.

Mill-bqija din il-Qorti, ma jidhrilha li ssib xejn verament utili x'iżżid ma dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti. Ġa la darba t-testatur kien dak il-ħin "mutu" u ma ġewx osservati s-sollennitajiet preskritti mill-artikoli tal-liġi msemmija, it-testment hu null, kif jiddisponi espressament l-artikolu 40(d) ta' l-istess liġi. Kwantu għall-fatt li Emmanuele Genovese "ma kienx jaf jaqra u jikteb" dan m'hux kontestat mill-konvenuta, anzi din hi appuntu t-teżi tagħha, għar-rigward ta' kwistjoni oħra wkoll dibattuta f'din il-kawża.

L-ewwel Onorabbli Qorti, għalkemm kienet waslet għal din il-konkluzzjoni u qalet li l-kawża proprjament set-għat tispiċċa hemm, għaddiet b'dana kollu biex tippronunzja ruħha anki fuq il-kawżalijiet l-oħra ta' nullita dedotti mill-atturi.

Din il-Qorti, pero, fuq appell tal-konvenuta ma jidhrilhiex li hemm bżonn li hi wkoll teżamina dawk il-kwistjonijiet l-oħra, salv dak li ser jingħad fuq l-appell inċidentali ta' l-atturi.

**Ikkunsidrat fuq dan l-appell inċidentali.**

L-atturi jilmentaw fil-meritu illi, dwar l-ewwel domanda tagħhom, is-sentenza appellata messa laqgħet, u m'hux ċaħdet, bħala kawża ta' nullita tat-testment, l-inkapaċita tat-testatur u n-nuqqas ta' firma tiegħu mentri hu kien jaf jikteb.

Il-konvenuta, rigward din il-parti ta' l-appell inċidentali ta' l-atturi, osservat waqt it-trattazzjoni orali, illi l-ap-

pell hu irregolari: una volta li l-ewwel Qorti akkoljiet kawżali oħra ta' nullita u minħabba fiha ddikjarat it-testment null u b'hekk l-atturi rebħu l-kawża, huma ma setgħux jappellaw rigward il-kawżalijiet l-oħra li ġew esklużi.

Ovvjament l-atturi ma setgħux, fil-meritu, fuq l-ewwel domanda, jappellaw prinċipalment ġa la darba d-domanda tagħhom ġiet integralment akkolta, għad illi mhux għal kull waħda mill-kawżalijiet dedotti minnhom. Kif jgħid il-Mortara: "Non puo lagnarsi di soccombenza l'attore se a ġustificare una pretesa gudiziaria furono dedotti più titoli allo scopo ugwalmente idonei e il magistrato riconosciuta la validita e la sufficienza d'uno, abbia omesso di portare esame sull'altro o esaminatolo abbia riputato di metterlo da parte come non valido" (Vol. IV §251). Iżda meta fuq dik id-domanda appellat prinċipalment il-konvenuta huma dehrilhom li kellhom jappellaw inċidentalment. Evidentement huma ħassew illi kull waħda mir-raġunijiet ta' nullita dedotti fiċ-ċitazzjoni setgħat titqies bħala kawżali separata u sata jagħti l'każ illi din il-Qorti fuq l-appell prinċipali tal-konvenuta ma taqbelx ma l-ewwel Onorabbli Qorti in kwantu akkoljiet il-kawżali tan-nullita konsistenti fl-inosservanza ta' l-artikoli 37 u 38 tal-Kapitolu 922, u kien ikun hemm lok, allura, għall-eżami tal-kawżalijiet l-oħra esklużi mill-ewwel Qorti. Pero forsi, anki mingħajr l-appell inċidentali tal-atturi dan l-eżami kien xorta waħda jista jsir fuq l-appell prinċipali tal-konvenuta minħabba l-effett ġenerali devoluttiv tiegħu fil-limiti tal-kwistjonijiet ġa ntavolati in prim' istanza dwar l-oġġett tas-sokkombenza tagħha ċioe il-meritu ta' l-ewwel domanda. Anki l-avukat ta' l-atturi rrikonoxxa fit-trattazzjoni illi l-appell inċidentali sata ma kienx strettament neċessarju.

Fi kwalunkwe każ, issa ġa la darba l-appell prinċipali

tal-konvenuta ser jiġi miċħud u d-deċiżżjoni ta' l-ewwel Qorti dwar dik il-kawżali ser tiġi konfermata bl-akkolji-ment ta' l-ewwel talba tagħhom, d k il-parti ta' l-appell inċidentali ta' l-atturi tilfet kull interess prattiku għalihom.

Inoltri din il-Qorti, għalkemm tapprezza r-raġunijiet ta' lment ta' l-atturi dwar l-istat ta' Emmanuele Ġenovese u ma tixtieq bl-ebda mod illi d-deċizzjoni f'dan il-każ tinkor-aġġixxi l-għemil ta' testmenti minn moribondi li għad li jkunu jidhru li jistgħu bi dbatija jafu dak li qed isir ma dwarhom jkunu manifestament tilfu kull interess fil-ħwej-jeġ ta' din id-dinja u ma jkunux fi stat li jistgħu jgħarfu ċar u jeżerċitaw bl-liberta u bl-konsapevolezza meħtieġa r-rieda tagħhom biex jiżnu sewwa l-implikazzjonijiet kollha ta' dak li jkunu qed jagħmlu, b'dana kollu, fil-każ preżenti, ma jidhriliex li għandha tiddissenti mill-konkluzzjoni raġ-ġunta mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Fil-każ partikolari wkoll din il-Qorti anqas jidhrilha li għandha ma taqbelx ma l-ewwel Onorabbli Qorti dwar in-nuqqas ta' firma tat-testatur.

Dan jeżawrixxi l-appell inċidentali ta' l-atturi dwar l-ewwel domanda.

Fit-tieni lok l-atturi jissottomettu illi sad-29 ta' Ottu-bru 1955, ċioe sa kemm ġie nominat sekwestratarju ġudiz-zjarju, il-proprjeta ta' l-assi kienet f'idejn il-konvenuta li hi obbligata tirrifondi dak li ġie percepit minnha sa dak iż-żmien. Għad illi l-ammont ma ġiex preċiżat quddiem l-ew-wel Qorti, is-sentenza appellata ma messiex ċaħdet it-tieni domanda tagħhom u b'hekk eżonerat lill-konvenuta milli tagħmel ebda rifusjoni.

L-ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet it-tieni domanda ta'

l-atturi għaliex huma ebda prova ma sejhu fir-rigward.

Issa pero, jirriżulta, illi l-konvenuta, bejn il-mewt ta' Emmanuele Genovese u n-nomina tas-sekwestratarju ġudizzjarju, daħħlet kera darba biss tat-terran numru 4 Azzopardi Street, Marsa fl-ammont ta' erba' liri u erba' xelini (£4.4.0) u dan l-ammont għandu jiġi rifuż lill-atturi.

Fit-tielet lok l-atturi jilmentaw mar-regolament ta' l-ispejjeż magħmul mill-ewwel Qorti tant dwar l-ewwel kemm dwar it-tieni domanda. Is-sottomissjoni tagħhom hi illi l-kawża saret unikament minħabba l-aġir skorrett tal-konvenuta u ġie ampjament pruvat illi l-atturi kellhom raġun jagħmluha. L-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjeż ta' l-ewwel domanda, stante n-natura tal-kwistjonijiet involuta jibqgħu bla taxxa iżda bid-dritt tar-Reġistru a kariku tal-konvenuta: rigward it-tieni talba, il-Qorti ordnat illi l-ispejjeż iħallsuhom l-atturi.

Din il-Qorti ma jidhriliex li hemm raġuni biex tiddisturba r-regolament magħmul mill-ewwel Onorabbli Qorti. Il-kawża kienet tinvolvi kwistjonijiet diffiċli u delikati, x'uħud minnhom, partikolarment dik li fuqha ġiet prinċipalment deċiża, aktarx ġdida u l-ewwel Onorabbli Qorti kienet manifestament intitolata li tuża d-diskrezzjoni tagħha kif għamlet. Anki rigward it-tieni domanda, dik il-Qorti kienet ukoll ġustifikata, fin-nuqqas ta' kull prova quddiema da parti ta' l-atturi illi l-konvenuta kienet inkassat xi ammonti, li tiċħad dik id-domanda u twaħħal l-ispejjeż tagħha lill-atturi. Issa saret il-prova fl-appell u dik id-domanda ser tiġi akkolta u ta' dan ser jittieħed qies fl-allokament ta' l-ispejjeż ta' l-appell inċidentali.

Fl-aħħarnett f'din il-kawża ma kienx il-każ li tiġi

nvestigata fil-meritu indipendenti tagħha, il-pretensjoni tal-konvenuta illi t-testment impunjat sar biex Emmanuele Ġenovese jirrimuneraha għas-serviġi personali u prestazzjonijiet oħra li hi kienet għamlitlu għal xi sbatax il-sena jew iżjed. Lill-konvenuta tibqa naturalment, riżervata kull azzjoni li hi talvolta jista għandha kontra l-eredita għall-ħlas ta' dawk is-serviġi u prestazzjonijiet, jekk saru, 'si et quatenus' skond il-liġi.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi

1. Tiċħad l-appell tal-konvenuta u tiċħad ukoll l-appell inċidentali ta' l-atturi in kwantu jirigwarda l-ewwel domanda u b'hekk tikkonferma fuq dak il-kap is-sentenza appellata, tant fil-meritu kemm fl-ispejjeż.

2. Tilqa l-appell inċidentali ta' l-atturi in kwantu jirrigwarda t-tieni domanda, tirrevoka l-kap tas-sentenza appellata li bih dik it-talba ġiet miċħuda u minflok tilqa l-istess talba u tikkundanna lill-konvenuta li tirrifondi lill-atturi s-somma ta' erba liri u erba xelini (£4.4.0), iżda l-ispejjeż ta' prim' istanza dwar dan il-kap jibqgħu kif regolati mill-ewwel Qorti.

3. Dwar l-ispejjeż ta' l-appell tordna li dawk riferibbli għall-appell prinċipali tal-konvenuta, ikunu kontra tagħha, u dawk riferibbli għall-appell inċidentali ta' l-atturi ikunu ⅔ għall-atturi u terz għal-konvenuta.